

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2016 – LG Electronics vs EUIPO (QD)**(Kawża T-650/16)**

(2016/C 402/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* LG Electronics, Inc. (Seoul, il-Korea t'Isfel) (rappreżentant: R. Schiffer, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "QD" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 633 516*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 2046/2015-1**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2016 – PM vs ECHA**(Kawża T-656/16)**

(2016/C 402/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet***Rikorrenti:* PM (rappreżentant: C. Zambrano Almero, avukat)*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiddikjara ammissibbli dan ir-rikors kontra d-Deċiżjoni SME (2016) 3198 u, għaldaqstant, tannulla din id-deċiżjoni minħabba li PM hija impriża żgħira u medja u, għaldaqstant, it-tariffi li hija ħallset huma konformi mal-leġiżlazzjoni u, konsegwentement, taċċetta r-regiżtrazzjoni mitluba.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku, ibbażat fuq id-definizzjoni ta' impriża żgħira u medja, li tinsab fl-Artikolu 2(1) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, tas-6 ta' Mejju 2003, dwar id-definizzjoni ta' impriża mikro, żgħira u ta' daqs medju. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti, flimkien mal-grupp ta' impriżi li tappretejni għalih, tafferma li tosserva l-kriterji stabbiliti f'dan l-artikolu.
